MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.

## YANA MICALLEF STAFRACE

Seduta tal-11 ta' Dicembru, 2014

Talba Numru. 1445/2010

**Anthony Parlato Trigona ID 251045M**

**vs**

**Automated Revenue Management Services Ltd C46054**

**It-Tribunal,**

I PRELIMINARI

**Ra** li f'dan l-AVVIZ nghatat sentenza preliminari fuq l-eccezzjoni li kienet tghid li dan it-TRIBUNAL m'ghandux gurisdizzjoni. F'dik is-sentenza, moghtija fis-16 ta' Dicembru 2013 dik l-eccezzjoni giet michuda (spejjes riservati ghall-gudizzju finali) u thalliet ghas-suktar tal-provi fuq il-mertu.

**Ra** li fl-AVVIZ l-attur qed jitlob li s-socjeta' konvenuta tigi kkundannata tirrifondilu s-somma ta' Elf, mija u sebgha u sittin Ewro u disgha u ghoxrin centezmu (€1167.29), hlas indebitu li ghamel favur is-socjeta' konvenuta, imsemmija. Dan il-hlas sar wara li ARMS Ltd abbuzivament u arbitrarjament issospendiet is-servizz ta' dawl u ilma fir-residenza personali tal-attur. L-attur kien kostrett ihallas kont dovut mis-socjeta' kummercjali Figure Works Ltd, li ilha snin twal ma topera mill-fond indikat fil-fattura ta' ARMS Ltd u cioe' nru 5 fil-kumpless ALHAMBRA fix-Xatt ta' Tas-Sliema. Barra hekk, it-talbiet ghall-hlas kienu ilhom preskritti ghal snin twal.

**Ra** r-RISPOSTA tas-socjeta' konvenuta formulate kif gej: -

1. Illi dan it-tribunal m'ghandux gurisdizzjoni sabiex jisma' u jiddeciedi dan il-kaz stante li skond l-Att dwar l-Arbitragg (Kap 387), it-Tribunal tal-Arbitragg ghandu gurisdizzjoni esklussiva li jitratta tilwimiet marbuta mas-servizzi tal-elettriku u tal-ilma.

2. Illi minghajr pregudizzju ghas-sueccepit, ma kinitx is-socjeta' konvenuta li ssospendiet is-servizz tal-elettriku u/jew tal-ilma fir-residenza tal-attur;
3. Illi minghajr pregudizzju ghas-sueccepit is-socjeta' konvenuta hija biss agent tal-Enemalta u tal-Korporazzjoni ghas-Servizzi tal-Ilma u ghaldaqstant kwalunkwe pagament li setghet irceviet minghand l-attur ma kienx dovut lilha proprjo u ma nzammx minnha izda kien dovut u gie mghoddi lill-korporazzjonijiet indikati u ghalhekk, jekk ghandu jigi rifuz, ghandu jigi rifuz mill-istess korporazzjonijiet;
4. Illi, dejjem minghajr pregudizzju ghas-sueccepit, it-talba tas-socjeta; attrici nfondata fil-fatt u fid-dritt stante li l-Automated Revenue Management Services Limited mxiet pjenament fl-ambitu tal-jeddijiet taghha;
5. Illi, ghaldaqstant dan l-Onorabbli Tribunal ghandu jichad it-talbiet attrici bl-ispejjez.

II PROVI

1. **L-Attur** qal li r-residenza privata tieghu hi 21, Triq il-Ktajjen, Swieqi. Hu esibixxa d-Dok APT1 sa 2 u indika li f'Dok APT1 *a fol* 36 hu rcieva kont ta' €1,015.29 fl-indirizz imsemmi. Dan hu hallsu, ara Dok APT2 *a fol* 37, datat 01.07.2010. Dok APT3, *a fol* 38/39 hu *breakdown* tal-kont fuq A. Parlato Trigona, Figure Works Ltd, 5, Alhambra Flats, ix-Xatt, Sliema. Id-Dok APT 4, *a fol* 40 datata 15.06.2009 mill-entita' Intimata lill-Attur jghid li l-attur kien applika ghal meter tal-elettriku fil-25.10.1984 u li l-attur kien responsabbli ghall-fond f'Tas-Sliema sa min qabel l-1989.

2. L-attur zied li billi hu kien qed jikkonstesta l-kont qatghu id-dawl fid-dar residenzjali tieghu u allura, wara erbat ijiem bla dawl hu hallas biex titreggalu lura l-provvista tal-elettriku.

3. **Reuben Bonnici** ghal-ARMS xehed li xogholu hu bazikament fuq il-*billing* u fir-rigward esibixxa d-Dok RB – avviz fil-Gazzetta tal-Gverna u Dok RB2 sa 7 rigwardanti l-*quantum* mitlub. Minn Dok RB4 jirrizulta li originarjament il-kont kien johrog fuq Figure Works Ltd, 5, Alhambra Flats, ix-Xatt, Sliema bhala *service address* u il-*mailing address* bhala A. Parlato, c/o 21, Tal-Korka, Triq il-Ktajjen, Swieqi. **Dan ifisser li l-kont jghajjat lill A. Parlato Trigona** (enfasi tat-TRIBUNAL). Kieku l-kont kien fuq isem il-kumpanija, bhala *mailing address* kien ikun hemm l-indirizz tal-kumpanija. Ghalhekk ghall-ARMS il-kont fuq il-kumpanija gie zero (ara Dok RB5).

4. In kontro-ezami qal:-
   Jien nghid li l-kont qatt ma hareg fuq il-kumpanija izda hareg fuq l-isem personali tal-attur, anke bhala *application* hu kien applika fuq ismu.

III KONSIDERAZZJONIJIET

1. Meta jwiezen u jaghrbel kollox it-TRIBUNAL iqis li vis-a-vis l-enti Konvenuta, l-attur kien jidher personalment hu, avvolja mill-provvista tal-elettriku kienet qed dgawdi l-kumpanija.

2. Hawn ghandna arrangament bejn l-Attur u s-Socjeta’ msemmija li fih min kien jissuplixxi l-elettriku ma jidholx ghax ghall-enti Konvenuta ir-*registered consumer* kien l-Attur. Naturalment, dan ihalli impregudikat kull dritt, *si et quatenus,* li l-Attur jista jkollu di fronti l-kumpanija li attwalment gawdiet mill-provvista’ tal-elettriku.

3. L-Attur fl-AVVIZ semma preskrizzjoni, qisu *en passant,* bla ma indika xejn izjed. It-TRIBUNAL ma jistax jidhol f’haga bhal din b’xi inizjattiva minn naha tieghu.

IV DECIZJONI

Wara li qies kollox it-TRIBUNAL jiddeciedi billi jichad it-talba attrici u jikkundanna lill-Attur biex ihallas l-ispejjes kollha tal-kawza inkluzi dawk tas-sentenza preliminari.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------